

Brussell, 26 ta' Jannar 2022  
(OR. fr)

5683/22

AGRILEG 8  
PESTICIDE 3

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	26 ta' Jannar 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D076996/3
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-flutjanil f'ċerti prodotti jew fuqhom

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D076996/3.

Mehmuż: D076996/3



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
SANTE/11282/2021  
(POOL/E4/2021/11282/11282-EN.docx)  
D076996/03  
[...] (2021) **XXX** draft

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' **XXX****

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-flutjanil f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

### li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-flutjanil f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi tar-residwi (MRLs) tal-flutjanil ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Tressqet applikazzjoni għat-tolleranzi tal-importazzjoni skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għall-flutjanil użat fl-Istati Uniti fuq it-tuffieħ, iċ-ċiras (ħelu), il-frawli, il-ħjar, il-qarabagħli u l-bettieħ. L-applikant jipprovd *data* li turi li l-użi awtorizzati ta' dik is-sustanza fuq dawn l-għelejjel fl-Istati Uniti jwasslu għal residwi oġħla mill-MRLs stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u li jeħtieġ li jkun hemm MRLs oġħla sabiex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali għall-importazzjoni ta' dawk l-għelejjel lejn l-UE.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-applikazzjoni ġiet ivvalutata mill-Istat Membru fejn tressqet u dak l-Istat Membru baġħat rapport ta' valutazzjoni lill-Kummissjoni.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, ("l-Awtorità") ivvalutat l-applikazzjoni u r-rapport tal-evalwazzjoni, u b'mod partikulari eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn kien rilevanti, għall-annimali, u tat opinjoni motivata dwar l-MRLs proposti<sup>2</sup>. Għaddiet dik l-opinjoni lill-applikant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u ppubblikatha.
- (5) Għall-flutjanil fil-bettieħ, l-Awtorità kkonkludiet li d-*data* mressqa ma kinitx biżżejjed biex jiġi stabbilit MRL ġdid. Għall-modifiki l-oħra kollha lill-MRLs mitluba mill-applikant, l-Awtorità kkonkludiet li d-*data* mressqa kienet biżżejjed biex twettaq valutazzjoni tar-riskji. Ikkonkludiet li l-modifiki lill-MRLs mitluba mill-applikant

<sup>1</sup> ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA disponibbli online: <http://www.efsa.europa.eu>.

Reasoned opinion on the setting of import tolerance for flutianil in various crops. (L-opinjoni motivata dwar l-istabbiliment tat-tolleranzi tal-importazzjoni għall-flutjanil f'għelejjel differenti) EFSA Journal 2021;19(9):6840.

kienu aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur abbażi ta' valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumaturi għal 27 grupp Ewropew speċifiku tal-konsumaturi. B'din il-konklużjoni, l-Awtorità qieset l-aktar *data* reċenti dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi tas-sustanza. La l-esponiment tul il-ħajja għal dik is-sustanza mill-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom dik is-sustanza, u lanqas l-esponiment għal perjodu qasir minħabba konsum għoli tal-prodotti rilevanti ma wera riskju li jinqabeż il-konsum aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.

- (6) Abbażi tal-opinjoni motivata tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki proposti lill-MRLs proposti permezz ta' dan ir-Regolament jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*